MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 633/2003

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**George u Miriam mizzewgin Borg**

Il-Qorti
Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-
Illi bit-terimini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 5 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius (Dok A), is-socjeta attrici ikkoncediet 'Loan Facilty' lill-konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg;
Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg fis-somma ta' hamest elf, sitt mija u tmienja u sebghin liri Maltin u sebgha u erbghin

centezmu (Lm5678.47) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’ ta’ George u Miriam mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok B1 sa B6 u Dok C1 sa C6) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2003 sad-data ta’l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 5 ta’ Frar 1998 in atti Nutar Dottor Antoine Agius fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta ta’ hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 27 ta’ Frar 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok D, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenbuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 5 ta’ Frar 1998 in atti Nutar Dottor Antoine Agius fuq imsemmi (u hawn esebit bhla Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat , u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti George u Miriam mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta ta’ hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

2 Tikkundanna li George u Miriam mizzewgin Borg jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ hamest elef , sitt mija u tmienja u sebghin liri Maltin u sebgha u erbghin

centezmu (Lm5,678.47) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' George u Miriam mizzewgin Borg mal-Bank of Valleta p.l.c (Dok B1 sa B6; u Dok C1 sa C6) flimkien ma'l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2002 u tal-mandat ta' sekwestru li gie ppresentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003;

Peress li mill-provi t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk, ukoll fil-kontumacja tal-konvenuti, l-istess talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici bl-spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------